# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, il-Ħamis, 20 ta' Mejju, 2021**

**Numru 18**

**Rikors Numru 592/20 TA**

**Ozan Takucin [Turkish Passport Number U12886949]**

**vs**

**Taca Insaat Ve Ticaret A.S. [OC 1225]**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Ozan Takucin (l-Attur) li permezz tiegħu ippremetta u talab is-segwenti:

"1. Illi, fl-għaxra (10) t'Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019) is-soċjeta ntimata ngaġġat lill-attur bħala *Planning and Cost Control Specialist* permezz ta' kuntratt ta' mpjieg.

2. Illi, il-kuntratt surriferit jipprovdi għal paga ta' elfejn u ħames mitt Ewro (EUR2,500) fix-xahar.

3. Illi s-soċjeta' ntimata naqset milli tonora l-kuntratt surriferit u waqfet tħallas il-paga dovuta lill-attur sa minn Jannar tal-elfejn u għoxrin (2020).

4. Illi l-intimati ġew interpellati diversi drabi sabiex jaddivjenu għall-ħlas tal-pagamenti dovuti naxxenti mill-kuntratt t'impjieg surriferiti iżda huma baqgħu inadempjenti.

5. Illi, oltre minn hekk l-intimati ġew servuti b'mandat ta' sekwestru u dawna xorta baqgħu inadempjenti.

6. Illi, din qed tikkawża sitwazzjoni prekarja għall-esponenti 'lli għandu familja b'minuri 'lli hija kompletament dipendenti fuq id-dħul mix-xogħol tiegħu.

7. Illi, għaldaqstant l-attur ma kellu l-ebda alternattiva għajr li jistitwixxi dawn il-proċeduri ġudizzjarji.

8. Illi, Ozan Takucin [Turkish Pass Numb U12886949] jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.

Jgħidu għalhekk il-konvenut għaliex, prevja kull dikjarazzjoni opportuna u mogħtija dawk il-provvedimenti kollha neċessarji fiċ-ċirkostanzi tal-każ, din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara, għar-raġunijiet premessi 'lli l-konvenut, huwa debitur tal-atturi fis-somma ta' sbatax-il elf mija u ħames mitt Euro (EUR17,500.00).

2. Tikkundanna konsegwenzjalment lill-konvenut iħallas lill-attur s-somma msemmija ta' sbatax-il elf u ħames mitt Euro (EUR 17,500.00).

Bl-imgħax mid-data 'lli l-ammont mitlub sar dovut u bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi, li jinsabu minn issa nġunti in subizzjoni."

Rat l-atti u dokumenti kollha tal-Kawża;

Rat in-nota ta' ammissjoni tas-Soċjeta' Taca Insaat Ve Ticaret A.S (is-Soċjeta konvenuta) tas-sbatax ta' Marzu 2021 (a fol 35);

Rat li l-Kawża tħalliet għallum għas-Sentenza;

**Ikkunsidrat**

Din hija azzjoni bil-proċedura speċjali sommarja li biha l-Attur qiegħed jirriklama ħlas fl-ammont ta' sbatax-il elf u ħames mitt ewro (€17,500).

Dwar il-mertu ftit hemm xi tgħid għaliex kif diġa' rilevat is-Soċjeta` konvenuta ammettiet it-talbiet tal-attur. Għalhekk din il-Qorti ser tilqa' it-talbiet tal-Attur kif mitluba.

Għaldaqstant il-Qorti għar-raġunijiet fuq imsemmija qed taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba stante l-ammissjoni tas-Soċjeta' konvenuta.

**Tilqa' it-tieni talba** tal-Attur u tikkundanna lis-Soċjeta' konvenuta tħallas lill-istess Attur is-somma ta' sbatax-il elf u ħames mitt euro (€17,500) bl-imgħaxijiet legali mill-20 ta' Lulju 2020 sal-pagament effettiv.

Spejjes tal-Kawża a' karigu tas-Soċjeta' konvenuta inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**